MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1330/1998/1

**Hazel Pannel**

**Vs**

**It-Tabib Principali tal-Gvern**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbet, wara li ppremettiet illi hija giet notifikata b'dikjarazzjoni guramentata ta' Dr J.M. Cachia maghmul ai termini ta'l-Artikolu 466 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 1998 u biha giet interpellata biex thallas lit-Tabib Principali tal-Gvern is-somma ta' Lm236.25c allegatament dovuta lilu ghall-kura u servigi moghtija lir-rikorrenti mill-5 sas-7 ta' Settembru 1996 u fis-27 ta' Gunju 1997 fl-Isptar San Luqa;

Ir-rikorrenti opponniet t-talba tat-Tabib Principali tal-Gvern peress illi bhala cittadina tar-Renju Unit hija ghandha tgawdi minn medikazzjoni' b'xejn f'Malta l-istess bhal ma cittadini maltin igawdu minn medikazzjoni b'xejn fl-Ingilterra.

Ir-rikorrenti Hazel Pannel talbet bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tat-Tabib Principali tal-Gvern ghall-hlas tas-somma ta' Lm236.25c ghall-kura u s-servigi moghtija lilha fl-Isptar San Luqa bhala bla ebda fondament legali u konsegwenza tannulla l-istess talba ta' l-intimat.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 4 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

Illi Pannel Hazel hija debitrici tat-Tabib Principali tal-Gvern fl-ammont ta' mitejn sitta u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm236.25) rapprezentanti kura u servigi moghtija lilha fl-Isptar San Luqa.

Illi l-ammont dovut huwa ai termini ta' l-Avviz Legali 147/89 amendat permezz ta' l-Avviz Legali 18/97.

L-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' Pannel Hazel stante nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 44 u fol 48 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-fatti, l-istess rikorrenti xehdet illi hi cittadina Brittanika li ilha tirrisjedi f'Malta ghal madwar tnejn u ghoxrin (22) sena. Hawn Malta hi tikkonvivi mas-sieheb taghha, Edwin Caruana u ma binha waqt li ma tahdimx. Matul dan il-perijodu, hi kienet f'diversi okkazzjonijiet attendiet ghal kura fl-Isptar ta' San Luqa u

qatt ma kienet giet mitluba li thallas hlief fl-okkazzjoni in esami.

Difatti fl-okkazzjonijiet precedenti, kienet giet mitluba tipproduci zewg dokumenti tal-konviventi taghha u qatt ma kienet inghatat xi kont. Fl-okkazzjonijiet in esami, hi ma gietx mitluba turi dawn id-dokumenti u kienet giet mitluba thallas il-kont u l-ammont imsemmijin fir-rikors. Fl-ahhar nett hi semmiet li kellha attakk f’qalba zghir u kienet attendiet li fl-msemmi Sptar ghal operazzjoni, kirurgika zghira bejn il-5 u s-7 ta’ Settembru 1996. L-imsemmi Edwin Caruana xehed permezz ta’ ‘affidavit’ a fol 22 tal-atti. Dan qal li kien ‘self employed’ li kien jhallas in-‘national insurance’ u t-taxxi u kien il-konviventi tar-rikorrenti flimkien mat-tifel taghhom ta’ 17-il sena bhala eta. Waqt li ikkonferma li f’diversi okkazzjonijiet, ir-rikorrenti kienet inghatat kura medika b’xejn, f’din l-okkazzjoni kien intalab mill-intimat il-hlas tas-somma specifikata fl-annessa ittra esebita a fol 23 ghall-perjodu gja msemmi u ghat-27 ta’ Gunju 1997 b’rata ridotta ta’ Lm9 “dietim”.

Ikkunsidrat

Illi, f’isem l-intimat, xehed, b’affidavit’ (a fol 33 sa fol 35 ibid) Emanuel Caruana li, oltre li kkonferma l-ammont, pretiz ghal kura u servigi, sema’ ukoll li r-rikorrenti qatt ma kienet ghamlet talba ghas-sigurta’ socjeta u li l-istess rikorrenti ma kellhiex il-liberta ta’ moviment f’Malta.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li r-rikorrenti qed tippretendi li hi intitolata ghal medikazzjoni b’xejn hawn Malta u dan ghar-ragunijiet specifikati fin-nota ta osservazzjonijiet maghmula mill-abili difensuri taghha u a basi ta’ dak li specifikat fix-xhieda taghha.

Illi, pero ghandu jigi sottolineat illi:-

a) il-ftehim reciproku bejn Malta u r-Renju Unit in konnessjoni ma kura medika b’xejn, jirreferi biss ghal

turisit li jkunu ghal zjara f'Malta ghal tlett gimghat u mhux ghal mara barranija li ilha tirrisjedi f'Malta ghal madwar 22 sena.

b) Ir-rikorrenti qatt ma ghamlet talba ghal beneficcju mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali. Inoltre, l-istess rikorrenti ma jidhirx li kellha'freedom of movement' f'Malta.

c) Ir-rikorrenti ma hix mizzewga skond il-ligi Maltija ma Edwin Caruana u tista' tigi' kunsiderata, biss, bhala 'a common lawwife'.

Illi, konsegwentement, it-talba in esami ghandha tigi michuda.

Illi ghandu jigi rimarkat, dwar l-ammont mitlub li, mill-istess atti, jidher li l-ammont pretiz hu wiehed di gja ridott in rigward is-servigi u kura li r-rikorrenti irceviet mill-5 ta' Settembru sas-7 ta' Settembru 1996 u fis-27 ta' Gunju 1997, liema kura u servigi jidher li kienu jinkludu operazzjoni kardijeka minhabba problemi konnessi mal-qalb. Dwar dan, l-intimat spjega (fol 50 tal-atti) x'kienet il-kura medika u servigi relattivi li inghataw lill-istess rikorrenti. Ghalhekk l-ammont pretiz ghandu jigi konsiderat bhala wiehed gusitikat.

Ghal dawn il-motivi tichad dak kollu mitlub mir-rikorrenti fir-rikors in esami bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------